# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2002.**

**Kawza Numru: 36**

**Citaz. Nru. 1619A/99GV**

Doc. 215-02

**Elmo Insurance Services Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Paul Micallef u l-istess Paul Micallef u b'nota tal-1 ta' Frar, 2000 is-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance plc assumiet l-atti minflok is-socjeta' attrici**

**vs**

**Agostino Magro.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fit-3 ta' Jannar, 1999 f'Cospicua Road, Bulebel iz-Zghir, Zejtun, minhabba mprudenza, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti tal-konvenut grat kollizjoni bejn il-vettura GAN 712 misjuqa

mill-istess konvenut u l-vettura AAG 346 misjuqa mill-attur Micallef, ta' proprjeta' tieghu u assikurata mal-kumpanija attrici, u

Premess li bhala konsegwenza ta' l-istess kollizjoni il-vettura ta' l-attur Micallef saret "*total wreck*" tant li l-fdalijiet taghha gew mibjugha ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27), u

Premess li ghalhekk hija dovuta lill-atturi bhala danni s-somma totali ta' elf seba' mija wiehed u sebghin lira Maltin (Lm1,771) kwantu ghas-somma ta' elf seba' mija hamsa u tletin lira Maltin u hamsin centezimi (Lm1,735.50) lill-kumpanija attrici liema somma sbursat taht il-polza u kwantu ghall-hamsa u tletin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm35.50) lill-attur Micallef, liema somma huwa bata minn butu, kollox kif spjegat dettaljatament fid-dokument hawn anness markat Dok. A, u

Premess li l-konvenut gie interpellat inutilment biex ihallas l-imsemmija danni,

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 tiddikjara u tiddecidi li l-konvenut huwa responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni billi din grat minhabba l-imprudenza, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti ta' l-istess konvenut u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali; u

2 tikkundanna lil konvenut li jhallas is-somma ta' elf seba' mija wiehed u sebghin lira Maltin (Lm1,771) danni kagonati bhala konsegwenza ta' l-imsemmija kollizjoni - kwantu ghas-somma ta' elf seba' mija hamsa u tletin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm1,735.50) lill-kumpanija attrici assikuratrici, liema somma hija sburzat taht il-polza u kwantu ghas-somma ta' hamsa u tletin lira

Maltin u hamsin centezmi (Lm35.50) lill-attur Paul Micallef liema somma huwa bata minn butu.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar, 1999 u dawk ta' l-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8% mid-data ta' l-istess ittra ufficjali tat-18 ta' Frar, 1999.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. illi l-incident tat-traffiku li gara fit-3 ta' Jannar, 1999 go Cospicua Road, fil-limiti taz-Zejtun bejn il-vettura nru. GAN 712 misjuqa mill-eccipjenti u l-vettura numru AAG 346 misjuqa mill-attur Paul Micallef, ma garax tort u htija tal-eccipjenti izda gara unikament tort u htija tal-attur Paul Micallef li minhabba speed sperikolat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u b'hekk habat mal-vettura tal-eccipjent;

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjent, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, u ghalhekk it-talbiet taghhom f'dan ir-rigward ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota a fol. 12;

Zammet access fuq il-post

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbili ghal kollizzjoni li grat fit-3 ta' Jannar, 1999 f'Cospicua Road, Buleben iz-Zghir, Zejtun, minhabba imprudenza, negligenza u traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali;
2. ghaliex m'ghandux il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm1,771 bhala danni kagjonati bhala konsegwenza ta' l-imsemmija kollizjoni; kwantu ghall Lm1,735.50 lill kumpanija assikuratrici attrici, liema somma hija sburzat taht il-polza u kwantu ghall Lm35.50 lill attur Paul Micallef liema somma huwa bata minn butu.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li l-incident ma garax tort tieghu, izda tort ta' Paul Micallef li minhabba *speed* sperikolat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u b'hekk habat mal-vettura tal-eccipjent; ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut in linea ta' danni.

**PROVI**

**P.S. 249 Angelo Curmi** xehed li kien investiga dana l-kaz u kien ha l-versjoni taz-zewg *drivers* li esebixxa fir-Road Accident Report.

*Driver tal-car AAG346 stated that he was proceeding in the same direction as the van but at some distance behind. At a time the van stopped and the suddenly crossed to the other side of the road.*

*Driver tal-car GAN712 stated that he was proceeding at a dead slow speed and was hit by the car from the side.*

Fil-*Brief Description* tal-accident (fol. 41) is-Surgent nizzel:

*Both vehicles were proceeding along the same direction towards Zejtun with the van in front. At a time both vehicles brushed against each other. The car driver stated that the van crossed his way from in front whilst the van driver stated that he was hit by the car from the side.*

Micallef kien qallu li d-*driver* l-iehor waqaflu u mar biex idur ghax hemm rampa fic-*central strip* u faccata hemm il-bini. Hu mess mieghu, titlef il-kontrol u habat. Il-karozza giet *total loss*. Il-konvenut jew ommu joqghodu hemmhekk. Il-konvenut kien cahad u qal li kien miexi bi *speed* baxx. Hu kien sab *tyre marks* li indikahom fl-iskizz. Ma issemmewx *indicators* mieghu. Il-hsara fil-van kienet *slight,* mentri fil-Lada kienet *extensive*. Dan kellu hsara *on both sides, top, front, and rear right side*.

**Paul Micallef** xehed li kien qed isuq il-karozza Lada AAG346 sejjer fid-direzzjoni taz-Zejtun qieghed fl-*outer lane*. Kien hemm van fuq in-naha ta' gewwa, aktar il-quddiem minnu, u f'hin minnhom, dan naqqas li *speed* u x'hin wasal ma gembu qabad u dar fuq il-lemin tieghu u gie fuqu. Biex jevitah, dawwar li *steering* fuq il-lemin tieghu u tela' fuq rampa li hemm fic-*centre strip* u biex ma jmurx fid-direzzjoni opposta minn fejn kienu gejjin il-karozzi hu rega' kiser fuq ix-xellug, kien hemm arblu, ipprova jevitah, tilef il-kontrol, habat mal-hajt u kien ser jinqaleb. Il-konvenut ried jghaddi fuq ir-rampa biex jidhol fejn il-fabbriki. Il-konvenut joqghod fil-vicinanzi.

Il-konvenut ma ghamel ebda indikazzjoni li ried idur. Il-manuvra tieghu kienet ghall-gharrieda u hasdu. Id-daqqa tal-konvenut kienet fuq il-kantuniera ta' quddiem tal-lemin.

Fuq kontroezami wiegeb li ma kienx ghaddej bi *speed* eccessiv. Ma jistax ighid li kien ghaddej bis-60 mfs. Il-konvenut kien ghaddej bi *speed* anqas minnu u kien tah l-impressjoni li jew ser jieqaf jew ser idur fuq ix-xellug fejn hemm fetha u trejqa. Hin minnhom hu mar biex jaqbzu u l-konvenut tah daqqa meta kien ser jaqbzu.

**Agostino Magro** xehed li kien sejjer lejn iz-Zejtun proprjament lejn Hal-Far. Fit-triq hemm dizlivell u ghalhekk kellu jsuq bil-mod. Fuq in-naha l-ohra tat-triq fuq il-lemin kien hemm hofra. Hin minnhom qabzitu karozza u rasset fuqu u laqtitu fuq quddiem fuq ir-rota u l-*mudguard* bi sbrixx. Il-karozza tkaxkret fit-tul la gemba u daret 360 *degrees* fuq il-hajt u nqalbet. Fl-ebda mument ma kellu l-intenzjoni li jikser fuq il-lemin tieghu. Bejnu u bejn ic-*centre strip* kien hemm minn fejn tghaddi karozza u anke *truck*. Jimmagina li d-*driver* l-iehor kien gej bi *speed* ghax tkaxkar. Hu kien ghaddej fl-*inner lane*, in-naha tal-hajt. Il-karozza tieghu spiccat parti minnha fuq il-*lane* ta' barra. Il-karozza l-ohra misset ic-*central strip* u giet fuqu.

**KONTESTAZZJONI**

Skond l-attur Paul Micallef l-incident gara meta hu kien ser jaqbez lill-konvenut minn fuq l-*outer lane*, u dana, bla preavviz, qabad u dar fuq il-lemin tieghu, biex jghaddi mir-rampa li hemm fis-*centre strip* u laqtu.

Minn naha l-ohra l-konvenut qed isostni li hu ntlaqat mid-*driver* l-iehor li qabzu u rass fuqu u laqtu quddiem fuq ir-rota u l-*mudguard* bi sbrixx.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi jirrizulta li z-zewg vetturi f'xi hin kienu t-tnejn sejrin fid-direzzjoni taz-Zejtun, Micallef fuq il-*lane* ta' barra, mentri Magro fuq il-*lane* ta' gewwa. Hin minnhom Magro naqqas li *speed* u beda miexi bil-mod. Il-konvenut jghid li hu ghamel hekk ghax hemm dizlivell fit-triq. Meta ra hekk, Micallef, mar biex jaqbez lill-konvenut li kien ghadu fuq il-*lane* ta' gewwa meta f'daqqa wahda l-vetturi laqtu lill xulxin. Micallef jghid li dan gara ghax f'daqqa wahda Magro kiser fuq il-lemin tieghu. Il-konvenut ma jaghtix spjegazzjoni ghaliex Micallef laqtu. Hu semma li Micallef laqat ic-*centre strip* u gie fuqu, imma Micallef laqat is-*centre strip* ghax ried jevita lill Magro li invadilu l-karreggjata. Micallef kellu minn fejn jghaddi kieku Magro ma nvadilux il-karreggjata. Fil-fatt jirrizulta mill-iskizz li l-vettura ta' Magro wara l-incident spiccat parti minna fil-*lane* ta' barra, u dana jikkonforta l-versjoni ta' Micallef u li Magro ghamel manuvra inaspettata u gie fil-*lane* tieghu.

Regola kardinali ta' "*lane discipline*" hija dik li fil-passagg minn "*lane*" ghall-iehor, is-sewwieq m'ghandux jikkaguna "*inconvenience or danger to the other vehicles*" App.Krim. Pul vs Nazz. Frendo 29.9.62.

Jirrizulta wkoll li l-hsara li kellu l-konvenut, ma kienitx biss daqqa sbrixx li sar lagemba, imma kien hemm ukoll daqqa fuq il-*front right part*, fuq il-kantuniera tal-lemin. Dan jikkonferma li l-konvenut ma baqax il-hin kollu ghad-dritt.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident gara billi Magro bidel inaspettatament u minghajr indikazzjoni l-posizzjoni tieghu fit-triq u kkawza l-incident. Din kienet ir-raguni tal-incident. Mhiex kwistjoni ta' *speed*. Jekk kien hemm xi *speed* izjed minn dak permess mill-ligi da parti ta' Micallef (li ma giex pruvat) din ma kienitx ir-raguni ghall-incident jew li biha kkontribwixxa ghalih. L-incident kien jigri l-istess indipendentement

mill-ispeed. Ma ingabet ebda prova lanqas li Micallef tilef il-kontrol tal-vettura minhabba id-dizlivell tat-triq, kif gie indikat fin-nota tal-konvenut.

"Il-velocita' tal-parti l-ohra mhix skuza ghad-*driver* li jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tieghu tas-sewqan" *(Vol 29 p 557).*

"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti l- *speed* massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjeta' *purche*' li *speed* tieghu ma jkunx dak li jista jissejjah "sfrenat" *(S. Mizzi vs J. Grech 23/3/72 u A. Bartolo vs K. Micallef 16.2.73).*

"Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-*driver* sia' jekk dan ikun *main road user* u sia' jekk ma jkunx, ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appoziti; tali velocita' eccessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilta' ghall-incident jew kontributorju ghalih. **Irid jigi stabilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiv kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut**" (Ara sentenza A. Stanley vs A. Zahra PA JSP 23.3.93)

**Danni**

John Mula prodott mill-atturi xehed li l-valur tal-karozza qabel l-incident kien ta' Lm1,700. Id-data tal-manifattura tal-vettura kienet 1974 (ara *log book* fol. 23). Dan l-ammont, nieqes Lm25 *excess*, thallas lill assikurat Paul Micallef (dok JM3 fol. 19). Kien hemm *car hire* ta' Lm50 ( dok JM 5 a fol. 21) u *towing* Lm20 (dok JM 2 fol. 18). Kienu gabru Lm27 bhala *wreck value* (dok JM4 a fol. 20), u dok JM 6 ghal 50c tal-Licensing Dept.

Kien sar *Survey Report* minn John Callus dok JM 1 a fol. 17 u 29.

L-elenku tad-danni li sofrew l-atturi jinsab a fol 5 fid-dok A.

Dawn id-danni ma gewx kontestati u huma konsegwenza ta' l-incident.

Il-konvenut fin-nota tieghu kkontesta l-*pre-accident value* ta' Lm1,700 ghal vettura Lada tal-1994 li kienet inxtrat Lm2,200. Il-Qorti hi tal-fehma li deprezzament ta' Lm500 ghal hames snin hu wiehed ragjonevoli. Inoltre l-assikurazzjoni ma mxietx arbitrarjament izda fuq il-*guide books* li juzaw l-assikurazzjonijiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-kollizzjoni li grat fit-3 ta' Jannar, 1999 f'Cospicua Road, Buleben iz-Zghir, Zejtun u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali;

tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,771 bhala danni kagjonati bhala konsegwenza ta' l-imsemmija kollizjoni, kwantu ghall Lm1,735.50 lill kumpanija assikuratrici attrici, liema somma hija sburzat taht il-polza u kwantu ghall-Lm35.50 lill-attur Paul Micallef liema somma huwa bata minn butu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**